MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 107/2012

**Tony Zarb**
**(ID 136354 M)**

**vs**

**Vince Farrugia**
**(847544M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-26 ta' Marzu 2012 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghal diskors illi l-intimat kien ghamel fuq il-programm televiziv TVAM, imxandar fuq l-istazzjoni TVM fl-24 ta' Frar 2012, talab lill Qorti sabiex tiddikjara il-kliem adoperat mill-intimat fejn idddeskriva lill-attur bhala "*faxxista*" u li qed "*ixewwex in-nies ghall-vjolenza*" kienu malafamanti fil-konfront tieghu peress illi jirrappresentaw fatti inveritjeri u intizi unikament sabiex inaqqsu ir-reputazzjoni ta' l-istess rikorrent.

Rat ir-risposta ippresentat mill-intimat fit-30 ta' April 2012 fejn l-intimat laqa' ghal dak mitlub billi insista illi dak li intqal ma kienx libelluz fil-konfront tar-rikorrenti peress illi kien jikkonsisti

f'*fair comment* u espressjoni ta' opinjoni jew *value judment* dwar fatti korretti u veritjeri li l-intimat kien intitolat jaghmel. Huwa sahaq ukoll illi r-rikorrent kien jokkupa kariga pubblika u ghalhekk kien soggett ghal kritika ta' l-operat, agir u dikjarazzjonijiet tieghu, partikolarment dwar fatti sostanzjalment veri.

Semghet ix-xhieda tar-rikorenti **Tony Zarb** moghtija fit-22 ta' Ottubru 2012 fejn ezebixxa '*transcript*' ta' dik il-parti tad-diskors ill ghamel l-intimat fuq il-program TVAM fl-24 ta' Frar 2012 illi huwa kien qieghed jikkonsidra bhala malafamanti u libelluz fil-konfront tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' **Victor Carachi** moghtija ukoll fit-22 ta' Ottubru 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Sonny Portelli**, moghtija fil-15 ta' Marzu 2013, fil-kapacita ta' Chairman tal-Kunsill Malti tal-Ekonmija u Zvilupp Socjali (MCESD), liema kariga huwa kien jokkupa meta kienet inqalghet tilwima bejn il-partijet waqt laqgha ta' l-istess MCESD.

Semghet ix-xhieda ta' **Sylvia Gauci**, mogthija fil-15 ta' Marzu 2013, fil-kapacita taghha ta' Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill Malti tal-Ekonmija u Zvilupp Socjali (MCESD).

Semghet ix-xhieda ta' **Winston V Zahra**, moghtija fis 17 ta' Gunju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Michael Mallia** moghtija fl-4 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fl 14 ta' Marzu 2014 ir-rikorrenti iddikara li ma fadallux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fid 29 ta' Settembru 2014, wara tlett differiment konsekuttivi fejn la deher l-intimat u lanqas l-avukat tieghu, il-Qorti iddikarat il-provi intimati bhala maghluqa u iddiferiet il-kawza sabiex tigi deciza fuq il-provi li hemm.

Rat illi sa llum, ghalkemm il-Qorti iddifferiet il-kawza ghal darba, wara li lkawza kienet differita ghas-sentenza, ma ddahhal ebda rikors sabiex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex l-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti, jirrizulta illi fl-14 ta' Novembru 2011, waqt laqgha ufficjali tal-Kunsill Malti ghall Ekonomija u Zvilupp Socjali (MCESD) illi kienet inzammet gewwa l-Hotel Phoenicia u li ghaliha kienu attendew l-imsiehba socjali kollha li jiffurmaw l-istess MCESD, inkluz ir-rikorrent, bhala rappresentant tal-GWU u l-intimat bhala rappresentant tal-GRTU, inqala diverbju bejn il-partijiet fuq il-posizzjoni tal-haddiema impjegati b'mod prekarju.

Jirrizulta, kif imnizzel fil-minuti ta' l-istess laqgha, cirkolati u approvati fil-laqgha sussegwenti ta' l-istes MCESD, illi intqal is-segwenti:

*"***2.12** The GWU representative said that the ETC should be examining the employability of workers in precarious jobs. *Whereupon the representative of the GRTU interjected and objected vehemently to the comment and, inter alia, referred to such workers who are receiving protection of GWU as 'rats'. An altercation ensused between the two speakers, which was quickly terminated by the Chairman. (sic)"*

Jirrizulta illi dana id-diskors gie kkonfermat kemm minn Sonny Portelli, illi dak iz-zmien kien ic-Chairman tal-MCESD kif ukoll minn Sylvia Gauci, Segretarja Ezekuttiva ta' l-istess MCESD, illi kkonfermat illi l-item tal-minuti 2.12 fejn gie rilevat li l-intimat sejjah lill haddiema tal-prekarjat bhala grieden giet mizjuda fuq talba tal-GWU.

Jirrizulta illi fl-24 ta' Frar 2012, waqt programm bl-isem ta' TVAM imtella' fuq l-istazzjoni nazzjonali TVM, l-intimat kien il-mistieden tal-programm u gew lilu mistoqsija diversi domandi in konessjoni mal-posizzjoni pubblika illi huwa kellu bhala Direttur Generali tal-GRTU u ma dikjarazzjonijiet illi huwa kien ghamel u li gew rapportati mir-rikorrenti lill-media lokali.

L-intimat, kemm qabel kif ukoll wara illi giet riprodotta intervista qasira mar-rikorrent dwar kliem illi allegatament kien qal l-intimat waqt laqgha tal-MCESD, qal is-segwenti kliem:

" Min lili akkuzani li mort nghajjar lil dawn in-nies li huma grieden jew x'qalu, jien qed nghidha hawnhekk pubblikament, nghidha lill-Tony Zarb, hija gidba, all right!

Meta mar fl-MCESD u mmanipula minuta meta jiena ma kontx hemm, ukoll abbuza mill-MCESD, ha nghidha cara u tonda ...

....

Dawna, dan in-nies, b'mod sistematiku, jien nghid fl-opinjoni tieghi, b'mod faxxxista, jaqbdu dejjem ma' mexxej, wiehed jew l-iehor, tal-employers jew tal-unions li ma jaqbilx maghhom. Darba kien Michael Mallia, spicca biex xi hadd tefaghlu murtalett, darba kien Alphonse Farrugia li spicca tawh xeba u kissrulu idejh, darba ohra go l-MCESD kien Joe Caruana Curran. Ghamluh zibel lill Joe Caruana Curran, darba ohra kien Winzton Zahra ix-xih, il-kbir, il missier, imbghad Winston Zahra z-zghir. Dawna jaqbdu persuna, jattakkawha b'mod sistematiku. Issa jmissu Vince Farrugia.

....

Issa hawnhekk qed nakkuza lill-GWU, bhalma qed takuza lili, illi dan huwa attakk .... Il-kampanja qieghda kontrija personali ... Qed nghid minn hawn illi kieku dak il-kliem ghidtu, l-apologija naghmilha. Imma, Sur GWU, Sur Tony Zarb, mhux se naghmillek ebda apologija .. U jekk tridu xxewxu n-nies ghal vjolenza, komplu xewxuhom!"

Ir-rikorrent hassu malafamat minn dawna l-kliem li ntqalu fil-konfront tieghu u ghalhekk nieda l-procedur odjerni.

**Ikkunsidrat**

Fid-difiza tieghu, l-intimat sahaq illi r-rikorrent kellu karika pubblika u ghalhekk kien soggett ghall-skrutinju akbar filwaqt illi insista illi l-kummenti tieghu kienu jikkonsistu f' *fair comment* u espressjoni ta' opinjoni jew *value judgment* dwar fatti korretti u veritjeri.

L-ewwel punt illi ghandha tikkunsidra l-Qorti hijiex jekk ir-rikorrent jistax jitqies bhala persuna pubblika u ghalhekk soggett ghal livell ta' kritika oghla minn dik ta' kwalsiasi individwu.

Huwa fatt mhux ikkontestat illi r-rikorrent huwa is-Segretarju Generali tal-General Workers Union u ilu f'din il-kariga ghal hafna snin. Mhux ikkontestat ukoll illi, f'tali kariga, r-rikorrenti huwa regolarment irrapportat fil-mezzi tal-media, kemm lokali kif ukoll barranin, dwar attvitajiet illi huwa jkun qed jaghmel f'tali kariga kif ukoll dwar opinjonjiet u veduti illi kemm hu kif ukoll il-General Workers' Union ikollhom fuq kwistjonijiet kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Ghalhekk, l-Qorti ma ghandha ebda dubju tikkunsidra lir-rikorrent bhala persuna pubblika.

Kif gie stabbilit fid-decizjoni tal-European Court of Human Rights fis-sentenza **Ligens vs Austria**, u abbracjata mill-Qorti Maltin, intqal illi:-

*Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Il-Qorti tqis illi, ghalkemm tali tghalim japplika ghall-politici in generali, wiehed ghandu jifhem illi dina tapplika ukoll ghall-persuni f'posizzjoni pubblika, bhalma huwa ir-rikorrent fil-kwalita' tieghu ta' Segretarju Generali tal-General Workers' Union.

Ghalhekk, huwa minnu kif jistqarr l-intimat, illi r-rikorrent kien soggett ghall kritika fuq livell oghla dwar l-operat, agir u dikjarazzjonijiet illi huwa jaghmel.

**Ikkunsidrat**

Sorvolata dina d-difiza, li hija wahda gusta, l-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra id-difiza principali ta' l-intimat, ossija illi dak illi huwa qal kien '*fair comment*' u espressjoni ta' opinjoni jew *value judgment* illi kellu kull dritt illi jaghmel, u tibda billi tezamina fil-qasir il-punti legali ta' tali difiza.

Dwar id-difiza ta' '*fair comment*', kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander** :

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that*

*the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Dwar x'wiehed ghandu jifem fuq in-natura ta' '*fair comment*', fil-ktieb **Gatley on Libel and Slander** (Sweet & Maxwell (London), 1981 jinghad hekk:-
*A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. "A libellous statement of fact is not a comment or criticism on any thing". But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment. (para. 697, pagna 294).*
Dwar il-bazi tal-'fair comment', fil-kawza **Brent Walker Group plc v Time Out Ltd** [1991] 2 QB 33 deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza, intqal is-segwenti:-
"*The civil law of libel is primarily concerned to provide redress for those who are the subject of false and defamatory factual publications. Thus in the simplest case A will be entitled to relief against B if B publishes a defamatory factual statement concerning A which B cannot show to be true. The law is not primarily concerned to provide redress for those who are the subject of disparaging expressions of opinion, and freedom of opinion is (subject to necessary restrictions) a basic democratic right. It is, however, plain that certain statements which might on their face appear to be expressions of opinion (as where, for example, a person is described as untrustworthy, unprincipled, lascivious or cruel) contain within themselves defamatory suggestions of a factual nature. Thus the law has developed the rule already mentioned that comment may only be defended as fair if it is comment on facts (meaning true facts) stated or sufficiently indicated. Failing that, the comment itself must be justified.*"

**Ikkunsidrat**
Fil-kaz odjern, mill-provi prodotti quddiemha, jirrizulta illi l-fatti u kliem illi dwarhom r-rikorrenti ihossu malafamat huwa principalment tnejn: illi huwa immanipula il-minuti tal-MCESD u abbuza mill-istess MCESD u illi huwa, flimkien ma' ohrajn, b'mod sistematiku u b'mod faxxista, jattakka lill kull min ma jaqbilx maghhom u ghalhekk qed ixewwex in-nies ghall-vjolenza.
L-intimat, tenut kont ta' dawna l-ilmenti, kien obbligat illi jipprova illi dawna l-fatti minnu allegati fil-konfront tar-rikorrent kien sostanzjalment veri.

Il-Qorti ghalhekk ser tipprocedi billi tikkonsidra dawna z-zewgt fatti kif allegati fl-ottika tal-provi prodotti quddiemha.

**Ikkunsidrat**

L-intimat jallega illi r-rikorrenti immanipula l-minuti tal-MCESD u abbuza mill-MCESD. In sostenn ta' tali allegazzjoni, l-intimat jishaq illi tali minuti, originalment, ma kellhom ebda referenza ghad-diverbju illi kienet inqalghet bejnu u bejn ir-rikorrent, stante illi tali minuti generaliment jirrapportaw biss il-posizzjoni dikjarata tad-diversi msiehba socjali presenti fuq kwistjonijiet illi jkunu qed jigu dibattuti u ma jirrapportawx skambju ta' veduti u kummenti ili jsiru bejn il-partijiet waqt li jkunu qed jiddiksutu.

Illi, bhala fatti, jirrizulta mhux ikkontestat, anke in vista tax-xhieda ta' Sonny Portelli, dak iz-zmien Chairman tal-MCESD, illi bejn il-partijiet kien hemm diverbju. Jirrizulta ukoll ben ippruvat, anke in vista tax-xhieda ta' Sylvia Gauci, Segretarja Ezekuttiva tal-MCESD, illi dana id-diverbju ma giex rapportat fil-verzjoni originali tal-minuti, izda gew mizjuda fuq talba tal-General Workers' Union.

Illi, bhala fatt, jirrizulta illi tali minuti, biz-zieda kif miltuba mill-General Workers' Union, li kienu tal-laqgha mizmuma fl 14 ta' Novembru 2011, gew approvati fil-laqgha sussegwenti, kif del resto ammess mill-istess rikorrent fix-xhieda tieghu.

Il-Qorti, f'dana l-istadju, ma tistax ma tinnotax illi kull membru li jkun qieghed jattendi laqgha illi taghha ikun qed jittiehdu l-minuti, ghandu dritt illi jitlob li korrezzjonijiet jew kjarifiki ulterjuri jiddahhlu fil-minuti ta' tali laqgha qabel ma dawna jigu approvati. Certament dana ma ghandhux jitqies bhala 'manipulazzjoni', kif jallega l-intimati, izda huwa l-ezercizzju ta' dritt illi kull membru ghandu biex jigi assikurat illi l-minuti huma riflessjoni veritjera ta' dak illi jkun gara waqt il-laqgha.

Il-Qorti tosserva ukoll illi bhalma kull membru ghandu dritt illi jipproponi ziedet jew tnaqqqis fil-minuti ta' laqgha illi ghaliha huwa jkun presenti, il-membri l-ohra ghandhom kull dritt illi joggezzjonaw jew jaqblu ghal tali tibdiliet qabel ma attwalment il-minuti jigu approvati mill-laqgha.

Jirrizulta car mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi sakemm tali minuti gew approvati mill-laqgha tal-MCESD, ma jidher illi saret ebda oggezzjoni ghaz-zieda mitluba mill-General Workers' Union, bir-rizultat illi tali tibdiliet gew imdahhla u approvati mill-MCESD.

Jirrizulta ben ippruvat ukoll illi l-intimat kien a korrent tal-kontenut tal-minuti kif emendata, stante illi dina giet lilu kkomunikata tramite *e-mail* flimkien ma' l-imsiehba socjali l-ohra.

Ghalhekk, filwaqt illi gie ippruvat illi r-rikorrent kien attwalment talab sabiex il-minuti tal-laqgha tal-MCESD jkollhom zidiet fihom relatat ma' kliem illi qal ir-rappresentant tal-GRTU, liema kliem, filwaqt li ma hemmx indikazzjoni cara li kien qalhom l-intimat, gew ammessi minn l-istess intimat li ntqalu, ghalkemm f'kuntest differenti minn dak allegat, fil-programm li

fih l-intimat qal kliem illi huma soggett ghall-proceduri odjerni, il-Qorti ma tistax taqbel mal-asserzjoni pubblika li ghamel l-intimat illi r-rikorrenti "mmanipula minuta meta jien ma kontx hemm".

**Ikkunsidrat**

L-intimat, fl-istess diskors tieghu, wara illi nieda l-attakk tieghu lejn ir-rikorrent, ghadda biex jallega illi "*dawna in-nies, b'mod sistematiku, jien nghid l-opinjoni tieghu, b'mod faxxista, jaqbdu dejjem ma' mexxej, wiehed jew l-iehor, tal-employers jew tal-unions li ma jaqbilx maghhom*". Huwa imbghad isemmi nies bhal Michael Mallia, Alphonse Farrugia, Joe Caruana Curran u Winston Zahra, kemm il-missier u l-iben, u jghid illi "*dawna jaqbdu persuna, jattakawha b'mod sistematku*". Imbghad jghid li issa qed issir attakk kontrih u jallega "*jekk tridu xxewxu n-nies ghal vjolenza, komplu xewxuhom!*".

Tenut kont tal-fatt illi l-intimat kien gia ghamel akkuzi fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi meta l-intimat sussegwentement juza il-kliem "*dawn in-nies*", huwa kien qiehed jinkludi, fost dawn in-nies, lir-rikorrent stess.

La darba l-intimat ghamel tali allegazzjonijet fil-konfront tar-rikorrent, fost nies ohra, kien jispetta lill-istess intimat jipprova quddiem dina l-Qorti illi dina kienet l-opinjoni tieghu fuq fatti illi kienu sostanzjalment veri.

Fost il-persuni imsemmija mill-intimat illi tressqu quddiem dina l-Qorti fil-proceduri odjerni, xehdu Winston V Zahra u Michael Mallia.

Winston V Zahra, fix-xhieda moghtija quddiem dina l-Qorti, stqarr illi "*qieghed nghid li fejn qed jigi suggerit jew hux minnu allura illi l-General Workers' Union b'mod faxxista u b'mod sistematiku qabdu u bden jattakawni, jiena nghid illi dana m'huwa minnu assolutament xejn fil-konfront tieghi*". L-istess Sur Zahra, in kontro ezami, ikompli jghid "*meta jiena rajt il-kliem li qal is-sur Farrugia, kont sorpriz minn dak li qal. Jien kont sorpriz fis-sens illi s-sur Farrugia qabad u semma lili bhala wiehed mill-persuni li soffrejt xi konsegwenzi. Dan naturalment nista nghidu ghat-tifel ukoll izda eventwalment ghandu jigi t-tifel biex jikkonferma hu wkoll.*"

Michael Mallia, fix-xhieda moghtija quddiem dina l-Qorti, jaghmel referenza ghall murtalett illi kien intefgha fid-direzzjoni ta' grupp ta' nies li maghhom huwa kien u li kienu ghandhom kif spiccaw minn laqgha tal-Federation of Industries li kienet saret fil bidu ta' Frar tas-sena 1981, u jghid "*ma nafx kif dahal Tony Zarb fil-kwistjoni tal-murtalett".* Huwa jkompli jghid

*"mitlub jekk hemm xi ness bejn dan l-incident u xi ufficjali tal-General Workers' Union jew Tony Zarb, nikkonferma li ma hemm assolutament l-ebda ness bejn Tony Zarb u l-ufficjali tal-General Workers' Union u dan l-attakk*." In kontro ezami, l-istess Mallia jghid "*kien hemm hafna affarjiet li naturalment ma konniex naqblu idejoligikament imma qatt ma hassejt li kien hemm xi persuni li kellhom xi haga kontra tieghi personalment.*"

Tali xhieda, b'mod inekwivoku u cara, jindikaw li ir-rikorrent bl-ebda mod ma kien ghamel dawk l-attakki illi l-intimat allega illi huwa flimkien ma' ohrajn kien ghamel, u ghalhekk, ghalkemm il-Qorti tifhem illi dak li qal l-intimat kien attwalment kumment tieghu, tali kumment ma giex ikkorroborat minn fatti sostanzjalment veri, u ghalhekk id-difiza tal-'fair comment' u 'value judgment' adoperata mill-intimat ma tregix fil-kaz odjern.

Huwa fatt illi d-difiza tal- '*fair comment*' dejjem kienet intiza sabiex tissalvagwardja dritt tal-espressjoni hielsa li hu importanti daqs dak id-dritt iehor li individwu jipprotegi r-reputazzjoni tajba tieghu.

Kif inghad minn Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:

*The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

Madanakollu, kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** fit-23 ta' Marzu, 2009,

*"f'kawzi bhal prezenti, u cioe f'kawza ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt f'socjeta' demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta' kull cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."*

Huwa car, fil-proceduri odjerni, illi filwaqt li l-intimat jishaq illi dak li huwa qal huwa protett mid-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, huwa ukoll minnu li tali liberta' hija kontro bilancjata mid-dritt ta' protezzjoni tar-reputazzjoni illi kull individwu ghandu dritt ghaliha, bil-varji livelli ta' applikazzjoni li tali dritt ta' protezzjoni timporta lilll-individwu privat, lill-persuna pubblika u lill-politiku.

Fil-kaz odjern, in vista tal-fatt li dak allegat fil-konfront tar-rikorrent ma giex korroborat minn fatti sostanzjalment veri, ghandha tinghata precedenza id-dritt ta' protezzjoni tar-reputazzjoni fuq id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiem dina l-Qorti,

Wara illi gharblet fid-dettall il-fatti kollha tal-kaz,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat u

**Tilqa'** t-talbiet attrici u ghalhekk

**Tiddikjara** li d-diskors maghmul mill-intimat fl-24 ta' Frar 2012 fuq il-programm televiziv TVAM imxandar fuq l-istazzjoni nazzjonali TVM kien malafamanti, libelluz u jirrapprezenta fatti inveritjei intizi sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent u ghalhekk, ai fini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta,

**Tikkundanna** lill-intimat Vince Farrugia ihallas lir-rikorrent Tony Zarb, in linea ta' danni hekk likwidati mill-Qorti, is-somma ta' elfejn Euro (€2,000)

Spejjez tal-proceduri odjerni kif ukoll imghax fuq is-somma hawn fuq likwidata mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontro l-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------